MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Numru. 69/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Ronald Rotin**

**(ID 225780(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Ronald Rotin ta’ 27 sena, iben Mario u Salvina nee` Agius, imwieled il-Pieta` fit-3 ta’ April 1980, u fil-prezent detenut fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 225780(M):

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin fl-24 ta’ Jannar 2007 u fix-xhur ta’ qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew pprova jdahhal f’xi parti tal-konfini tal-habs, droga eroina li hija medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija minn qrati differenti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-imputat wiegeb illi mhux hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu;

Rat illi fis-seduta tat-22 ta’ Gunju 2011, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega’ kkonfermaha wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2014, id-difiza talbet illi l-imputat jirtira l-ammissjoni tieghu, liema talba giet michuda mill-Qorti, wara li kkunsidrat illi meta huwa rregistra din l-ammissjoni, l-imputat kien assistit minn avukat tal-ghazla tieghu u li in oltre kien ikkonferma l-ammissjoni tieghu, wara li gie mwissi mill-Qorti bil-konsegwenzi ta’ tali ammissjoni;

Rat ukoll illi waqt is-seduta tal-21 ta’ Mejju 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga’ tisma’ l-provi mressqa f’din il-kawza sal-lum quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ossia l-addebitu tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni esebiet fl-ewwel lok, vera kopja ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano, datata 14 ta' Frar 2005, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Renald Rotin'.[1] Jirrizulta mill-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza illi dawn huma identici ghall-konnotati tal-imputat odjern. Permezz ta' dik is-sentenza, l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata ghal zmien sena ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Michael Mallia, datata 2 ta' Gunju 2005, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Renald Rotin'[2]. Jirrizulta mill-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza illi dawn huma identici ghall-konnotati tal-imputat odjern. Permezz ta' din is-sentenza, l-imputat instab hati *inter alia* ta' diversi reati ta' serq aggravat u hsara volontarja, kif ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz tas-sentenza fuq imsemmija tal-14 ta' Frar 2005 u gie kkundannat ghal piena ta' tliet snin prigunerija effettiva. Kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 36 tal-process minn PS 1211 Richard Zammit, l-imputat kien qed jiskonta s-sentenza tat-2 ta' Gunju 2005, fuq imsemmija, meta sehh il-kaz odjern u ghaldaqstant isegwi illi fiz-zmien mertu tal-kaz, huwa kien ghadu ma skontax din is-sentenza. L-ahhar sentenza ossia vera kopja ta' sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni hija dik moghtija fil-konfront tal-imputat odjern (anke f'dan il-kaz il-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza huma identici mal-konnotati tal-imputat odjern) minn din il-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti fis-16 ta' Marzu 2006, permezz ta' liema sentenza, l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva u multa ta' Lm100. La darba fiz-zmien tar-reati odjerni, l-imputat kien ghadu ma skontax is-sentenza moghtija lilu fit-2 ta' Gunju 2005, isegwi illi lanqas kien ghadu ma skonta din is-sentenza li giet moghtija lilu sussegwentement. Persuna titqies li hija recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9, meta tigi kkundannata ghal delitt u taghmel delitt iehor fi zmien hames snin minn dakinhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, fejn il-piena ma tkunx dik ta' prigunerija ghal zmien ta' izjed minn hames snin. F'dan il-kaz, ma jirrizultax illi l-imputat kien skonta l-pieni moghtija lilu, permezz tas-sentenzi esebiti, sal-jum li fih huwa kkommetta

[1] Ara s-sentenza a fol. 47 *et seq* tal-process.
[2] Din tinsab esebita a fol. 49 *et seq* tal-process.

r-reati mertu ta' dan il-kaz, u ghaldaqstant ghal fini tal-addebitu tar-recidiva, qed jinstab hati biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok, il-fedina penali aggornata tal-imputat[3], liema fedina penali hija wahda refrattarja u tinkludi sejbien ta' htija dwar pussess semplici ta' droga (fi tliet okkazzjonijiet) u diversi reati ta' serq aggravat u hsara volontarja (f'erba' okkazzjonijiet), dwar liema l-imputat inghata Ordni ta' *Probation* (f'okkazzjoni wahda), liberazzjoni kundizzjonata (f'zewg okkazzjonijiet) u sentenza ta' prigunerija effettiva (f'erba' okkazzjonijiet). L-ahhar reat li kkommetta l-imputat ossia dak ta' serq aggravat jirrisali ghal Jannar tas-sena 2012.

Il-Qorti qieset ukoll illi mill-provi mressqa jirrizulta illi d-droga eroina misjuba fic-cella li fiz-zmien mertu tal-kaz kienet okkupata mill-imputat, instabet fil-pussess ta' prigunier iehor, certu Andy Calleja li dak il-hin kien qieghed fl-istess cella mal-imputat. Biss fl-istqarrija rrilaxxjata minnu fid-9 ta' April 2007[4], l-imputat ammetta illi huwa kien ilu fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin kwazi sentejn, li l-*foil* mahruq li kien instab fic-cella kien tieghu, li gieli ha l-eroina waqt li kien qieghed gewwa l-habs u li l-ahhar li ha droga eroina kien fiz-zmien li nstablu l-*foil*. Qal ukoll illi huwa jahraq id-droga eroina fuq il-*foil.*

Ikkunsidrat ukoll illi r-reati odjerni gew kommessi mill-imputat meta huwa kien prigunier gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u ghaldaqstant japplikaw fir-rigward tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi meta jsir xi reat minn persuna waqt li jkun prigunier, il-piena ghal dak ir-reat fil-kaz ta' sejbien ta' htija, ghandha tizdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21, 28A u tal-Att dwar il-*Probation* m'ghandhomx japplikaw.

---

[3] Din tinsab esebita a fol. 99 *et seq* tal-process. Il-fedina penali hija aggornata sat-3 ta' Gunju 2014.
[4] A fol. 20 *et seq* tal-process.

Qieset ukoll ir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Donnalise Livori[5],ipprezentat minnha fl-24 ta' Settembru 2014, mil-liema jirrizulta illi huwa ghamel programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga bejn il-11 ta' Gunju 2009 u d-19 ta' Novembru 2010 gewwa Dar Sant'Anna waqt li kien qed jiskonta sentenza ta' prigunerija u gewwa Dar San Blas u li qabel dan huwa kellu wkoll kuntatt twil mal-Agenzija Sedqa bejn Lulju 2007 u Jannar 2008 waqt li kien qieghed fil-habs. Skond l-istess rapport, l-imputat jammetti li wara li huwa ghamel il-programm, kien rega' abbuza mis-sustanza eroina u minn hemm ghamel kuntatt mad-Detox Centre sabiex jibda jiehu l-methadone u kien ghadu jiehu l-methadone sal-prezentata tal-istess rapport. Testijiet tal-urina li saru lill-imputat gewwa d-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole* irrizultaw fil-pozittiv ghall-kannabis u l-kokaina fl-4 ta' Awwissu 2014, fil-pozittiv ghas-sustanza tal-kannabis fid-29 ta' Awwissu 2014 u fil-pozittiv ghas-sustanza kokaina fid-19 ta' Settembru 2014, fil-waqt illi dejjem irrizultaw fin-negattiv ghas-sustanza eroina. Mill-istess rapport, jirrizulta wkoll illi l-imputat huwa impjegat fuq bazi *part-time* ma' kumpanija privata u li ghandu relazzjoni tajba u stabbli mal-familjari tieghu. Skond l-Ufficjal tal-*Probation*, l-imputat qed jghix hajja stabbli in kwantu jirrigwarda l-aspett tax-xoghol. Il-Qorti qieset ukoll illi r-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-*Probation* li l-imputat jinghata piena karcerarja effettiva trid tittiehed fl-isfond tal-konkluzjonijiet kollha tal-istess Ufficjal tal-*Probation*, inkluz illi fil-bidu tal-istess konkluzjonijiet taghha[6], l-istess Ufficjal tghid illi l-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess aggravat tad-droga eroina, li fil-fatt m'huwiex il-kaz. Minkejja dan, madankollu, il-piena ta' prigunerija effettiva f'dan il-kaz hija applikabbli tassattivament a bazi tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

[5] Esebit a fol. 78 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 84 tal-process.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 17(h), 31, 33A u 49 tal-Kap. 9, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal **piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija effettiva**.

Fir-rigward tal-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, il-Qorti m’hijiex tikkundanna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-perit tekniku l-Avukat Dottor Stefano Filletti[7], tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[8] u lanqas tal-espert PS 659 Jeffrey Hughes[9].

[7] Mill-vera kopja tal-process verbal redatt dwar dan il-kaz u esebit fl-atti, jirrizulta illi l-Magistrat Inkwirenti, b’digriet tieghu tal-24 ta’ Jannar 2007, kien innomina, fost ohrajn, lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-fatti kollha relevanti ghall-kaz. Imkien mid-digriet ta’ din in-nomina jew mill-atti tal-process verbal ma jirrizulta illi l-Magistrat Inkwirenti kien innomina lill-istess perit tekniku sabiex jigbor ix-xhieda bil-gurament. Jirrizulta madankollu mir-relazzjoni tal-perit tekniku illi huwa sema’ bil-gurament, ix-xhieda ta’ SCO Peter Vella u CO 169 Johan Barbara ossia l-ufficjali tal-habs li ghamlu t-tfittxija fic-cella in kwistjoni. Ghalhekk anke fuq skorta tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amadeo Busuttil** tat-28 ta’ Novembru 2013, la darba ma jirrizultax illi l-perit tekniku f’dan il-kaz inghata l-fakulta` li jisma’ x-xhieda bil-gurament u stante illi mir-relazzjoni ma jirrizulta xejn izjed hlief li ngabret din ix-xhieda, il-Qorti m’hijiex taddebita l-ispejjez ta’ din ir-relazzjoni lill-hati.

[8] Mill-provi mressqa f’dawn il-proceduri, jirrizulta illi waqt li l-prigunier Andy Calleja kien fic-cella tal-imputat, instabet fil-pussess tieghu, sustanza kannella. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jammetti illi l-*foil* mahruq li kien jinsab fic-cella, kien tieghu. Sussegwement meta jerga’ jigi mistoqsi dwar l-oggetti relatati mat-tehid tad-droga misjuba fic-cella tieghu, l-imputat iwiegeb “*Nerga’ nghid li dawk huma tieghek* [recte: tieghi]” (a fol. 20) u wara jghid illi huwa jabbuza mid-droga billi jahraqha fuq il-*foil*. Minn dan jirrizulta car illi l-*foil* li nstab fic-cella kien tal-imputat. Mill-bqija tal-provi migjuba ma jirrizultax x’instab ezattament fl-istess cella (ghar-ragunijiet moghtija izjed ‘il fuq, ix-xhieda migbura mill-Avukat Dottor Stefano Filletti qed tigi skartata) apparti dan il-*foil* u s-sustanza ta’ lewn kannella fuq il-prigunier Andy Calleja. Certament illi x-xhieda ta’ PS 1257 Conrad Ellul, li ma kienx prezenti waqt it-tfittxija, hija biss *detto del detto*. Ghalkemm fil-mistoqsijiet tieghu waqt l-interrogazzjoni tal-imputat, l-Ufficjal Investigatur jirreferi ghall-oggetti relatati mat-tehid tad-droga b’mod generali, l-imputat jirreferi ghat-twegiba precedenti tieghu rigwardanti l-*foil* mahruq tant li jghid ‘*nerga’ nghid li dawk huma tieghi*’ u ghalhekk il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi apparti l-*foil*, kien hemm xi oggetti ohrajn relatati mal-abbuz tad-droga li wkoll kienu jappartjenu lill-imputat, anki tenut kont tal-fatt li l-imputat instab fic-cella tieghu ma’ prigunier iehor. Stante illi mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, jirrizulta illi ma nstabitx droga jew sustanza ohra fuq *swabs* mehuda mill-*aluminium foils*, il-Qorti m’hijiex qeghda taddebita lill-hati bl-ispejjez ta’ din ir-relazzjoni. Ara f’dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Paul Muscat**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta’ Dicembru 2009.

[9] Minn din ir-relazzjoni, jirrizulta illi l-espert zviluppa erba’ mpronti digitali fuq zewg bicciet karti. Biss l-ezitu ta’ din ir-relazzjoni ma kien tal-ebda relevanza ghall-kaz odjern, anke ghaliex il-Prosekuzzjoni ma talbet fl-ebda hin sabiex dawn l-impronti jigu komparati mal-impronti digitali tal-hati u dan x’aktarx anke in vista tal-ammissjoni tieghu f’dawn il-proceduri.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti fl-atti tal-process verbal bin-numru 758/07, redatt mill-Magistrat Dr. Silvio Meli, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras

Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------